MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 308/2006

**Talba Nru: 308/06VGD**

Socjeta San Pawl Banda Konti Ruggieru

Vs

Kunsill Lokali Mtarfa

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob lill-Kunsill konvenut sabiex ihallas is-somma ta' sebghin lira Maltin (Lm70) rapprezentanti rimbors ta' spejjes inkorsi mill-istess socjeta' in segwitu ta' nkarigu moghti mill-Kunsill konvenut rigwardanti servizz li kellu jinghata minnha fl-okkazjoni ta' 'Jum l-Imtarfa 2005', liema servizz thassar unilateralment mill-konvenut. Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 28 ta' Jannar 2006 u bl-imghaxijiet skond il-ligi sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-Kunsill konvenut li eccepixxa illi (i) fl-ewwel lok is-socjeta' attrici kif premessa ma ghandha ebda *locus standi* u kwindi l-Kunsill konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizju; (ii) illi minghajr ebda pregudizzju u subordinatament ghas-sueccepit il-Kunsill Lokali konvenut m'ghandux iwiegeb ghat-talbiet tas-socjeta' attrici peress li m'huwiex il-legittimu kontradittur u kwindi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjes kontra l-istess socjeta'; (iii) illi fil-mertu, dak li qieghda tippretendi s-socjeta' attrici huwa priv minn kull fundament guridiku u fattwali. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-affidavit ta' Mark Fenech Vella prodott mis-socjeta' attrici.

Ra l-affidavit ta' Victor Vella prodott mis-socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda ta' Josephine Abela prodotta mill-Kunsill konvenut.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi l-Kunsill konvenut fl-ewwel eccezzjoni tieghu, qieghed jecepixxi illi is-socjeta' attrici kif premessa m'ghandha ebda *locus standi* u kwindi l-Kunsill konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizju. Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell, fl-ismijiet 'Socjeta' Filarmonika 'La Stella' vs Kummissarju tal-Pulizija' deciza fid-19 ta' Lulju 1997, fejn kienet inghatat l-eccezzjoni tan-nullita' tac-citazzjoni stante l-karenza ta' personalita' guridika ta' l-attur intqal hekk kif gej:-

*'F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza shiha ghas-sentenza msemmija mis-socjeta' attrici fin-nota ta' referenzi taghha tal-15 ta' Lulju 1997, fejn dejjem gew ribaditi s-segwenti principji, u cioe, illi:- Minkejja li l-ligi taghna ma fija ebda disposizzjoni li biha tirregola l-*

*kostituzzjoni ta' l-enti morali, xorta tammettihom u taghrafhom bhala persuna guridika, u li l-gharfien ta' tali personalita' guridika mhux mehtieg li jkun dejjem espress imma jista' anki jsir b'mod implicitu b'xi att ta' awtorita' kompetenti li jippresupponi necessarjament dak ir-rikonoxximent. Fil-kaz in ezami ghandna socjeta' filarmonika li tmexxi wahda mill-baned ewlenin fil-gzira Ghawdxija. Kif tajjeb indikaw il-legali tas-socjeta' attrici fit-trattazzjoni, il-kazini tal-baned gew irrikonoxxuti f'diversi disposizzjonijiet tal-ligi bhal ma huma l-Kap. 123 dwar it-Taxxa tad-Dhul u l-ligi recenti dwar it-Taxxa tas-Sisa fuq is-Servizzi l-Att XII tal-1997) fejn socjeta' filarmonika giet ezentata mill-applikazzjoni ta' din it-taxxa. Hekk ukoll huwa maghruf illi socjetajiet simili jakkwistaw u jiddisponu liberament mill-proprjeta' bhal kull persuna ohra minghajr ebda diffikulta'. Din il-Qorti ghalhekk ma tara ebda raguni ghaliex il-kawza prezenti ma tistax timxi bil-mod kif giet proposta…*'

Illi ghalhekk it-Tribunal ser jistrieh pjenament fuq dawn il-principji enuncjati mill-Qorti ta' l-Appell u konsegwentment jichad l-ewwel eccezzjoni tal-Kunsill konvenut.

Illi fit-tieni eccezzjoni tieghu, l-Kunsill konvenut qed jecepixxi illi m'ghandux iwiegeb ghat-talbiet tas-socjeta' attrici peress illi m'huwiex il-legittimu kontradittur u kwindi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

It-Tribunal jidhirlu li ma hemm l-ebda dubbju kwalsiasi li s-socjeta' attrici inghatat inkarigu direttament mill-Kunsill konvenut, sabiex tezegwixxi programm fl-okkazzjoni ta' 'Jum l-Imtarfa'. Dan johrog car mhux biss mix-xhieda izda anki mill-korrispondenza skambjata bejn iz-zewg partijiet.

Ix-xhud Mark Fenech Vella, segretarju tas-socjeta' attrici, jikkonferma illi huwa kien prezenti ghall-laqghat li nzammu mas-Sindku tal-Imtarfa u s-Segretarju tal-Kunsill u f'dawn il-laqghat gew diskussi d-dettalju kollha tal-programm inkluz kemm kellha tithallas is-socjeta' attrici. Saru wkoll diversi telefonati bejn il-partijiet f'dan is-sens.

Di piu, l-ittra tat-22 ta’ April 2005 mibghuta lis-segretarju tas-socjeta’ attrici mis-Segretarju Ezekuttiv, fuq ‘*letter head*’ tal-Kunsill konvenut stess, tghid hekk:- ‘*Permezz ta’ din l-ittra* ***ghan-nom tal-Kunsill Lokali*** *nixtieq ninfurmak, li bhal issa qeghdin naghmlu l-preparament taghna, sabiex niccelebraw ‘Jum l-Imtarfa’ li tigi fis-27 ta’ April…..****Il-Kunsill waqt laqgha tal-Kunsill li saret illum il-Gimgha 22 ta’ April 2005, qabel unanimament****, sabiex ghal din is-sena tigi ddoqq fil-lokal taghna il-banda tieghek*.’

Din l-ittra wahedha turi kemm il-Kunsill konvenut, permezz tas-Segretarju Ezekuttiv tieghu, li ghamilha cara li kien qieghed jagixxi ghan-nom tal-Kunsill, kien qieghed jaghti inkarigu specifiku lis-socjeta’ attrici. Is-socjeta’ attrici ma kellhiex ghalfejn ikollha l-icken dubbju li xi membru mill-Kunsill kien qieghed jagixxi ghal rasu, u/jew li ma kellux dritt jaghti l-inkarigu kif fil-fatt ghamel. Jekk ghal xi raguni l-proceduri interni tal-Kunsill konvenut ma gewx segwiti kif suppost, kif donnha riedet tfisser ix-xhud Josephine Abela, (li fiz-zmien in kwistjoni kienet kunsilliera), din hija haga li ma tikkoncernax is-socjeta’ attrici, u hija haga li kellha tigi indirizzata mill-kunsilliera koncernati bejniethom. Is-socjeta’ attrici kellha kull dritt tassumi illi ittra mibghuta minghand is-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill, ghan-nom tal-Kunsill, kellha certa awtorita’, u li l-inkarigu moghti kien wiehed gej direttament mill-Kunsill konvenut.

Ghalhekk it-Tribunal qed jichad it-tieni eccezzjoni tal-Kunsill konvenut.

Illi fl-ahharnett, fir-rigward tal-mertu, u cioe t-talba tas-socjeta’ attrici ghar-rimbors ta’ spejjez inkorsi minnha wara li nghatat l-inkarigu mill-Kunsill konvenut, liema inkarigu sussegwentement thassar unilateralment mill-istess konvenut, it-Tribunal josserva illi s-socjeta’ attrici tat spjegazzjoni cara tal-ispejjes minnha inkorsi, u minnha mhallsa sabiex setghet tipprepara ghal dak li kienet inkarigata taghmel mill-Kunsill konvenut. L-ammont gie ampjament gustifikat mis-socjeta’ attrici, u la jidher ezagerat, u lanqas fittizju.

Ta’ min jinnota wkoll illi meta s-socjeta’ attrici baghtet l-ittra tal-20 ta’ Awissu 2005 lill-Kunsill konvenut, fejn tat rendikont tar-rimbors li kienet qed titlob, il-Kunsill konvenut ma jidhirx li lmenta dwar din it-talba ghar-rimbors jew dwar l-ammont li kien qieghed jintalab. Kuntrarjament ghal dan, fil-korrispondenza sussegwenti li bghat il-Kunsill konvenut lis-socjeta’ attrici, jidher (i) li l-Kunsill sempliciment ma kienx ghadu ltaqa biex jiddiskuti t-talba, u (ii) sussegwentement fil-15 ta’ Frar 2006, bghat ittra fejn jidher li l-unika problema kienet illi l-Kunsill Lokali kien jinsab (fi kliem stess) f’*deficit*’, u mhux li ma kienx qieghed jaqbel ma l-ammont jew li ma kellux intenzjoni li jhallas.  Ghalhekk it-Tribunal ma jara l-ebda raguni ghalfejn it-talba attrici m’ghandhiex tigi milqugha fl-intier taghha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-Kunsill konvenut, jilqa t-talba tas-socjeta’ attrici u jikkundanna lill-Kunsill konvenut ihallas is-somma ta’ mija u tlieta u sittin Ewro u hames centezmi (€163.05), ekwivalenti ghal Lm70, bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.  L-ispejjes kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-Kunsill konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------